MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tal-25 ta' Frar, 2015

Numru. 463/2006

**Il-Pulizija**

**(Assistent Kummissarju Norbert Ciappara)**

**vs.**

**James Ian Hughes**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

James Ian Hughes ta' 31 sena imwieled Pieta' fid-9 ta' Gunju, 1975 iben James u Anita nee' Caruana residenti 50, Triq Antonio Bosio Msida detentur ta' karta ta' identita' Maltija numru: 409875M

Akkuzat talli fis-16 ta' Settembru, 2004 kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (Ecstasy) minghajr awtorizazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontrol tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendat, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita' mill-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap. 31), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri, u li fuqhom ma hemmx kontestazzjoni, huma s-segwenti:

1. L-imputat kien jiggestixxi hanut tal-*confectionery*.
2. Il-Pulizija tal-Iskwadra kontra d-Droga ghamlu tfittxija f'dan il-hanut u sabu borza b'xi pilloli suspettati ecstacy.
3. L-espert spizjar Mario Mifsud, fir-relazzjoni tieghu ikkonkluda illi *"... ... t-tletin pillola bajda, bil-logo ta' stilla, ... ... instabet fihom s-sustanza 3, 4-Methylenedioxymethamphetamine (MDMA). Is-sustanza MDMA, li hija central stimulant, hija kkontrollata bil-ligi taht it-Tielet Skeda ta' Parti A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta."*[1] Is-sustanza MDMA hija is-sustanza li tinsab fil-pilloli ecstacy.

**Kunsiderazzjoniijiet ta' din il-Qorti dwar Htija**

L-imputat mhux jikkontesta li hu kellu fil-pussess tieghu it-tletin (30) pillola ecstacy. Pero huwa qed jghid li dawk il-pilloli kienu kollha intizi ghall-uzu personali tieghu, u ghalhekk qed jikkontesta l-imputazzjoni ta' pussess aggravat.

Fis-sentenza **Il-Pulizija v. Jason Mallia**, deciza fit-2 ta' Settembru 1999, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[2] irriteniet illi: *"Qabel xejn ghandu jigi precisat li mhux korrett li wiehed jghid li biex jikkonfigura r-reat ta' pussess bl-aggravanti kontemplata fl-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap.101 irid ikun hemm provi li juru li l-pussessur kellu l-animus li jispacca d-droga. Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni <u>mhix mehtiega</u> ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu ekslussiv tal-hati."* (enfasi ta' dik il-Qorti)

In oltre, fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Marius Magri** deciza fit-12 ta' Mejju 2005, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[3] osservat li kawzi li jikkoncernaw imputazzjonijiet ta' pussess aggravat: *"... ... mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet*

---

[1] Ara rapport tal-espert Spizjar Mario Mifsud a fol. 36 tal-process, u x-xhieda tieghu a fol. 32 *et seq.* tal-process.
[2] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano.
[3] Per Imhallef Joseph Galea Debono.

*kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista' skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed (Ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio" (26.8.1998). Meta l-ammont tad-droga jkun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati (Ara Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri" (2.9.1999)."*

Fil-kaz odjern, l-imputat kellu fil-pussess tieghu 30 pillola ecstacy. Fl-istqarrija tieghu l-imputat jghid li huwa juza minn 6 sa 9 pilloli f'lejl wiehed.[4] Fix-xhieda tieghu,[5] l-imputat jghid li hu kien jibla minn 8 sa 10 pilloli kull lejl, u li kien johrog kull nhar ta' Sibt, peress li l-Hadd ma jkunx xoghol, u kien jehodhom qabel johrog.[6] Hu jghid ukoll li ma kienx jikkonsma din id-droga biss meta jkun hemm parties kbar, imma anke meta jmur id-disco. Jghid ukoll li kien bi hsiebu jikkonsma it-30 pillola ectacy fi zmien xahar.

Issa kif huwa notorju fil-qasam tad-droga, id-doza ta' ecstacy ghal serata wahda hija ta' zewg (2) pilloli – massimu ta' tlieta (3). Fil-fatt, fl-Abbozz tal-Att dwar id-Dipendenza fuq id-Droga ippubblikat is-sena l-ohra u li bhalissa qed jigi diskuss fil-Kamra tad-Deputati, il-pussess tal-ecstacy huwa ikkunsidrat li huwa ghall-uzu personali jekk ikun ta' massimu ta' zewg (2) pilloli ecstacy.[7]

Ghaldaqstant, il-Qorti ma ssibx x-xhieda tal-imputat kredibbli meta jghid li kien jikkonsma ghall-inqas 6 pilloli f'lejl wiehed. Jekk wiehed jaghti l-beneficcju tad-dubbju lill-imputat, u jikkalkula li kien jiehu tlett (3) pilloli kull nhar ta' Sibt, dan ifisser li kellu bizzejjed pilloli biex iservuh ghal ghaxar (10) serati jew xaghrejn u nofs. Mhux verosimili li persuna tixtri tant pilloli biex iserviha ghal tant tul ta' zmien.

Il-Qorti tosserva wkoll li d-droga ma nstabitx fid-dar tal-imputat, imma instabet fil-hanut tal-*confectionery* tieghu. Mhux verosimili li l-imputat kien johrog nhar ta' Sibt mill-hanut tieghu, u l-

---

[4] Ara fol. 20 tal-process.
[5] Ara xhieda tal-imputat a fol. 57 *et seq.* tal-process.
[6] Ara xhieda tal-imputat a fol. 58 tal-process.
[7] Ara Artikolu 4 tal-Abbozz dwar id-Dipendenza tad-Droga.

imputat ma ta l-ebda spjegazzjoni plawsibbli x'kienet ir-raguni ghaliex din id-droga kienet mohbija fil-hanut tieghu.

Ghaldaqstant, il-Qorti hija konvinta lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, li t-tletin pillola ecstacy misjuba fil-hanut tal-imputat, ma kinietx kollha intiza ghall-uzu esklussiv tieghu.

**Konsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Dwar il-piena, il-Qorti ikkunsidrat li l-ammont ta' tletin (30) pillola ecstacy m'huwiex wiehed insinifikanti.

Dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li mill-fedina penali tieghu, l-imputat ghandu ghaxar (10) kundanni minn dawn il-Qrati, tlieta minnhom ksur tal-ligi dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, tnejn ohra ksur tal-ligijiet tas-sewqan, u pussess semplici tad-droga ecstacy u cannabis.

Pero, fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2011,[8] l-Ufficjal Prosekutur ghamel is-segwenti verbal *"L-Ufficjal Prosekutur jiddikjara li l-imputat James Ian Hughes kien ghadda informazzjoni a tempo vergine li wasslet lill-prosekuzzjoni biex tinqabad il-persuna li minghandha kien xtara d-droga u ghaldaqstant ghandu jibbenifika mill-Artikolu 29 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta."* Il-Qorti tifhem li l-Ufficjal Prosekutur ried jirreferi ghall-Artikolu 120A(2B) tal-Kapitolu 31, ghax id-droga ecstacy hija regolata bil-Kapitolu 31 u mhux bil-Kapitolu 101. Ghaldaqstant, il-Qorti se tnaqqas il-piena karcerarja bi grad u l-piena pekunjarja b'terz.

**Konkluzjoni**

[8] A fol. 51 tal-process

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i), 120A(2B) u t-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta, u ir-regolamenti 3(1) ta’ l-Avviz Legali 22/1985; issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, tikkundannah ghal sena (1) prigunerija effettiva, kif ukoll tikkundannah ghall-hlas ta’ multa ta’ elf u hames mitt Euro (€1,500.00), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tista’ tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ hamsin Euro (€50.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b’din is-sentenza erogata, u ghall-dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

In oltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema spejjez ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur minn meta jigi komunikat lilu l-ammont hekk dovut mir-Registratur tal-Qrati Kriminali, b’dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita taht is-supervizjoni tar-Registratur.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------